MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 923/2010

**Multi Packaging Limited (C158)**
**Vs**
**Cosmo Line Ltd (C10937)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Settembru, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma ta' hmistax il-elf, sitt mija u tlieta u disghin ewro u sitta u sebghin centezmi (€15,693.76) rapprezentanti prezz ta' kartun mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat 'Dok MP 1';
2. Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' intimata m'ghandhiex risposta x'taghti;

Talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi :

1) Taqta' u tiddeciedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2) Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hmistax il-elf, sitt mija u tlieta u disghin ewro u sitta u sebghin centezmi (€15,693.76) dovuta kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan ir-rikors u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tat-13 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hmistax il-elf, sitt mija u tlieta u disghin ewro u sitta u sebghin centezmi (€15,693.76). Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------